BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt


13 ta' Gunju, 2008

## Minuti tal-Laqgha Numru 17(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' għal-laqgħa numru 17(05) fl-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill F'Couvre Porte nhar l-Hamis 5 ta' Gunju, 2008 fit- 6:30 ta' filgħaxija.

### Prezenti

Is-Sur John Boxall – Sindku, Is-Sinjura Miriam Grech – Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba - Kunsilliera

Is-sur Christopher Cassar, Vici Sindku, kif ukoll is-sur Ivan Peresso, Kunsillier kienu skuzati minhabba ragunijiet ta' xoghol.

Ippresieda is-sur John Boxall.

### Talba

Is-Sur John Boxall - Sindku, qal it-talba u tah bidu għal din il-laqgħa.

### 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgha 16(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Dwar item 1.8(16/05) is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-progett Citizen's Meeting, iffinanzjat mil-Unjoni Ewropea flimkien mal-villagg ta San Pietro in Guarana ma ntazilx u ghaldaqstant il-Kunsill diga nforma lis-Sur Carmine Rizzo, l-persuna responsabli min dan il-progett dwar din id-decizjoni.

1.2 Item 1.9(16/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-attivita fi hdan l-Fondazzjoni Anna Lindh ittelghet nhar il-Hamis 22 at' Mejju, 2008 u l-Kunsill kif miftiehem tah € 1165 lil grupp teatrali "Square Wheet Entertainment" ghal kontribut taghhom f'din l-attivita. Is-Sindku zied jghid li l-prezentazzjoni ufficjali ser issir waqt l-attivita li l-istess grupp ser itellgha "We will Rock you" nhar il-Hadd 8 ta' Gunju.

1.3 Dwar item 1.10 (16/05), is-sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li rapprezentanti mil-Bank of Valletta kienu gew sabiex tigi diskussa "*stand alone ATM*" u gie suggerit sabiex din issir fejn il-kanun qabel ma tidhol Sant Anglu. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga ghamel applikazzjoni l-MEPA.

1.4 Item 1.13(16/05), is-Sindku qal li suppost fil-jiem li gejjien ghandu jitkompla x-xoghol ta' kostruzzjoni tal-Gnien Fuq tal-Hawli.

1.5 Item 1.14(16/05), is-Sur John Boxall, Sindku qal li r-residenti tal-Birgu qeghdin jikkoperaw fil-gbir ta' skart separat biss hemm difett li s-sidien tal-hwienet qed johorgu l-iskart separat min filghodu.

1.6 Dwar item 1.16(16/05), is-sinjura Judith Saliba, kunsilliera tat rendikont tal-harga kulturali ghal anzjani li l-Kunsill organizza nhar il-Gimgha 30 ta' Mejju, 2008. In-nefqa totali ghal din l-attivita kienet ta' € 250.21. Hawnhekk is-Sindku s-sur John Boxall, ippropona sabiex d-donazzjoni ta' € 125 li ser tinghata mil-Bank of Valletta ghal uzu ta' Gallerija Couvre Porte tintuza sabiex tkopri l-ispejjez tal-harga ghal anzjani.

1.7 Item 2.12(16/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-konferenza tas-Sindki ta' l-Ibliet Storici Ewropej li kellha ssir gewwa Ptuj fi Slovenja bejn is-26 u t-28 ta' Mejju, 2008, giet ikkancellata izda il-Kunsill gie nfurmat min Dr. Stefan Celan, Sindku ta' Ptuj li din il-konferenza ser issir bejn il-25 u s-27 ta' Settembru, 2008. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li peress li l-Kunsill kien diga hallas l-passag ghal konferenza li kellha ssir f'Mejju, l-Kunsill ta' Ptuj offra li ghal konferenza li ser issir f'Settembru, ser ihallsu kollox huma. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex is-Sindku, s-sur John Boxall, jattendi ghal din il-konferenza.

1.8 Item 4(16/05), is-sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni ghal progett ISPROM taht is-sejha tal-Med Programme, ma ddahlitx mil-lead partner.

1.9 Item 7 (16/05), is-Sindku qal li l-progett MedCOAST.net ser jasal fi tmiem tieghu fix-xahar ta' Lulju u nforma lil Kunsilliera li l-ahhar konferenza ghal dan il-progett ser issir gewwa Agria fi Grecja bejn il-21 u s-26 ta' Lulju, 2008.

1.10 Item 8(16/05), is-Sindku qal li rigward it-tindif u l-knis ta' toroq kemm ilu li l-Kunsill aggudika t-tender, kien hemm kambajment kbir u l-Kunsill ircieva bosta kummenti pozittivi.

1.11 Item 10 (16/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-kwistjoni dwar l-izvillup fix-xatt li qed issir mil-Consortium Grand Harbour Marina giet rizolta. Is-Sindku qal li d-direttur ta' l-Awtorita Dwar it-Trasport, is-Sur Paul Buhagiar nfurmah li l-MEPA approvat li jsiru x-

xoghlijiet u ghaldaqsant jekk il-permessi jibqghu jinzammu min naha tal-Kunsill, isir arbitragg min naha ta’ l-Awtorita Dwar it-Trasport u mbaghad ir-responsabilta taqa’ kollha fuq il-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li kif jispiccaw ix-xoghlijiet, il-Kunsill irid jinsisti sabiex jinbeda x-xoghol tat-triq u jsir parkegg organizzat u din iz-zona tibqa responsabilta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu

**2. Korrispondenza**

2.1 Is-Sindku pprezenta ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tal-laqgha Annwali ghar-residenti li saret l-Erbgha 30 t'April, 2008, liema minuti gew approvati unanimament.

2.2 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-kunsilliera, l-korrispondenza kollha flimkien mal-Minuti relatati ma' l-implimentazzjoni ta' l-iskema tal-parkegg ghar-residenti tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li din il-korrispondenza giet mghodija ukoll lil Onor. George Pullicino, Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali, Onor. Dr. Christ Said, Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni, c-Chief Executive Officer, ta' L-Awtorita ta' Trasport, s-Sur Ray Attard, kif ukoll lil Dr. Natalino Attard, Direttur tad-dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku nforma ukoll li f'konverzazzjoni permess tat-telefon flimkien mas-segretarja tas-sur Ray Attard, Chief Executive Officer fi hdan l-Awtorita tat-Trasport, ghamlitilu cara li l-korrispondenza mibghuta, mis-sur Attard, s-sur Attard qieghed jigi mgieghel sabiex jiffirma.

**Hawnhekk is-Sindku talab il-permess lil Kunsilliera prezenti sabiex jigi diskuss item 8 mil-agenda. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.**

**8. Press Conference fuq l-iskema ta' parkegg ghar-residenti.**

Is-Sindku qal li wara laqgha li kellhu hu flimkien mas-Segretarja Ezekuttiva flimkien mas-Sur John Bonavia, Authorised Officer, kif ukoll is-sur David Soler u s-sur Joe Borg, rapprezentant mil-kumpanija Sterling Security, huwa, kien nghata parir sabiex tissejah press conference fejn tigi spjegata s-sitwazzjoni dwar l-iskema ta' parkegg ghar-residenti tal-Birgu. Is-Sindku qal li din l-iskema ghan-nies mhux tahdem u ghaldaqstant huwa ta' l-opinjoni li l-Kunsill ghandu jkun onest u tinghata spjegazzjoni ghalfejn l-iskema ta' parkegg mhux tahdem. Is-sur John Boxall, Sindku, ppropona li ssir press conference fejn ghal din il-press conference jigu mistiedna, membri mil-GRTU, kif ukoll is-sinjura Audrey Testaferrata De Noto, Direttur fi hdan l-Awtorita Dwar it-Trasport.

Hawnhekk is-Sindku pprezenta l-ahhar korrispondenza mibghuta mis-sur Ray Attard, Chief Executive Officer fi hdan l-Awtorita ghat-Trasport fejn informa lil Kunsill dwar l-irregolitajiet fl-skema ta' parkegg ghar-residenti u talab lil Kunsill sabiex jaqla' t-tabelli fi Triq Wenzu Dyer, f’Misrah ir-Rebha, fi Triq Emmanuel Attard Bezzina u fi Triq il-Habs l-Antik. Is-Sindku qal li t-toroq msemmija kienu gew approvati mil-istess Awtorita verbalment waqt laqgha li l-istess Kunsill kellhu, liema laqgha is-Sindku pprezenta l-minuti taghha. Barra min hekk is-Sindku zied jghid li fit-Triq Wenzu Dyer, mhemmx tabelli fiha, peress li l-imsemmija triq minbarra li t-triq dejqa u bit-tarag, qatt ma giet mitluba biex issir riservata ghal parkegg lir-residenti. Is-Sur Boxall, zied jghid li issa huwa l-waqt li l-Kunsill jinforma lin-nies u r-residenti tal-Birgu bis-

sitwazzjoni u ghaldaqstant issugerixxa sabiex tissejjah press conference. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Kunsill talab ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, sabiex tinhareg l-Avviz Legali min naha ta' dan id-dipartiment u mhux min naha ta' l-Awtorita tat-Trasport.

2.3 Ittra minghand is-Superjur tal-MUSEUM Sessjoni Subien sur Joey Bugeja, fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar l-attivita "Hbieb iz-Zghar tal-Presepju" li ser issir fix-xahar ta' Lulju, fejn is-socjeta tal-MUSEUM ser torganizza laqghat ghat-tfal tal-parocca tal-Birgu fejn jinghataw l-opportunita li jitghallmu jaghmlu presepji ghad-djar taghhom u kull partecipant ser ihallas € 10. Is-Sindku qal li s-superjur talab sabiex il-Kunsill jaghmel flokkijiet ghat-tfal li ser jippartecipaw u ghaldaqstant, is-Sur Boxall, pprezenta kwotazzjoni minghand l-UV Print ghal 100 flok ghal prezz ta' € 357. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova din il-kwotazzjoni u jkun il-Kunsill li jaghmel il-flokkijiet ghat-tfal partecipanti fl-attivita "Hbieb Zghar tal-Presepju" bi qbil bejn iz-zewg nahat li fuq il-flokkijiet ikun hem mil-logo tal-Kunsill Lokali tal-birgu flimkien ma' dik tas-Socjeta.. Il-Kunsilliera Miriam Grech, issekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sindku qal li wara bosta ilmenti li l-Kunsill ircieva minghand residenti li joqghodu fi Triq il-Mina l-Kbira, dwar diversi vetturi li qed jitilghu fuq il-bankina, li kawza ta' dan l-agir, qieghed jinholoq inkonvenjent kbir u periklu serju ghan-nies kollha li juzaw din il-bankina,, huwa ssugerixxa sabiex isiru sitt bollards li jibdew min fejn il-hanut Chetwyn sal-kantuniera ta' Triq il-Kunsill Popolari. Ghaldaqstant, is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija Cast Iron Products ghal prezz ta' € 106.30 minghajr VAT ghal kull bollard. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din il-kwottazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Is-Sindku pprezenta invit mil-Assocjazzjoni AVEC sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jidhol msieheb fil-progett ECOPAS, liema progett ikompli fuq il-passi tal-Progett Qualicities. Wara diskussjoni, s-sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jissieheb f'dan il-progett. Il-Kunsilliera Miriam Grech ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li huwa gie mistieden mil-Assocjazzjoni AVEC sabiex jippartecipa fil-laqgha ta' l-Ezekuttiv ta' din l-Assocjazzjoni, li ser issir fi 18 ta' Gunju, gewwa Parigi fi Franza. Is-Sindku qal li din l-Assocjazzjoni ser thallas il-passagg ta' partecipant min kull lokalita membru fil-bord ezekuttiv. Il-Kunsilliera Miriam Grech pproponit sabiex is-Sindku, li huwa ukoll il-Vici President ta' din l-Assocjazzjoni jippartecipa ghal din il-laqgha tal-Bord Ezekuttiv. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Korrispondenza mil-Fondazzjoni OASI fejn talbet lil Kunsill Lokali tal-Birgu jinnomina persuna jew persuni ghal premju ta' Zghazugh tas-Sena 2008. Wara diskussjoni, s-Sinjura Miriam Grech, Kunsilliera, ssugerit sabiex il-Kunsill jinnomina zghazugh mil-grupp teatrali "Square Wheel Entertainment", liema grupp qed jghin hafna sabiex jghaqqad liz-zghazagh tal-

Belt tal-Birgu. Iz-zghazugh ghandu jkunu wiehed mill-organizzaturi principali jkun fil-parametri tar-regolamenti ghal din in-nomina Is-Sindku, s-sur John Boxall, ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.8 Korrispondenza minghand is-Sinjura Miriam Grech dwar applikazzjoni ghal progett fi hdan l-Unjoni Ewropea. Il-Kunsilliera Miriam Grech qalet li hi kienet irciviet korrispondenza minghand is-sur Malcolm Mifsud dwar il-progett "Creation of a GIS to assist Town Planning". Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'dan il-progett u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.9 Invit minghand il-PBS sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa f'sensiela ta' programmi televizivi dwar l-artigjannat malti. It-team tal-produzzjoni ta' dan il-programm talab li l-kunsill jiehu hsieb li jsib zewg persuni mil-lokal li jafu jsajjru ikel tipikament Malti u 20 persuna li lesti li jippartecipaw f'dan il-programm li jsir min diversi stabilimenti min Malta u Ghawdex. Barra min hekk il-Kunsill irid jipprovdi t-transport ghal Ghawdex kif ukoll donazzjoni ta' € 116.50 jew € 233 lil kumpanija. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, ikun ahjar jekk l-istess Kunsill ma jippartecipax fl-imsemmi programm. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sur John Boxall, Sindku, ressaq ghal approvazzjoni tal-Kunsill erbgha kwotazzjonijiet ghal xiri ta' laptop ghal ufficju tas-Segretarja Ezekuttiva, peress li l-kompjuter li qeghda tuza' bhalissa qed ikollu diversi hsarat teknici. Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni minghand il-kumpanija PC Options Ltd. Ghal prezz ta' € 892.86, kwotazzjoni minghand l-kumpanija Shanelty Ltd ghal prezz ta' € 1080, kwotazzjoni minghand l-kumpanija A to Z Electronics Ltd ghal prezz ta' € 559 u kwotazzjoni minghand il-kumpanija Intercomp Group of Companies ghal prezz ta' € 1300. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jaghzel l-ahjar. Is-Segretarja Ezekuttiva ssugerit sabiex l-Kunsill jaghzel il-kwotazzjoni ta' l-Intercomp Group of Companies peress li l-ispecifikazzjonijiet ta' l-laptop kwottat huma tajbin hafna, kif ukoll li din il-kumpanija qed toffri 3 snin garanzija fuq *parts* u 12-il xahar garanzija fuq *labour.* Ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaccetta il-kwotazzjoni tal-kumpanija Intercomp Ltd. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Is-Sindku pprezenta kwotazzjoni ghal mejda ghal projector ghal prezz ta' € 107.48. Wara diskussjoni, il-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu approvaw din il-kwotazzjoni.

2.12 Is-Sindku pprezenta ghal attenzjoni tal-Kunsilliera ittra li hu ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat lil Onorevoli Dr. Lawerence Gonzi, Prim Ministru fejn talab sabiex issir laqgha mieghu sabiex jigi diskuss l-possibilta tal-finanzjament ta' tlett attivitajiet kbar fuq skala u livell nazzjonali, li huma l-Birgu Fest u l-Birgu By Candlelight, l-Carols by Candlelight u Hamis ix-Xirka fil-Birgu fid-Dawl tax-Xemgha. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li s-sur Charles Bonello, Segretarju Privat ta' l-Onor. Dr. lawrence Gonzi nforma lil Kunsill sabiex jibghat l-istimi ta' dawn l-attivitajiet. Barra min hekk is-Sindku qal li gie avvicinat mis-sur Noel Castillo, Direttur tal-kumpanija Leon Promotions, fejn talab laqgha mas-Sindku sabiex jigu diskussi diversi attivitajiet fosthom dawk imsemmija li jistghu jigu organizzat fil-Belt tal-Birgu. Is-Sindku ssugerixxa li l-Kunsill jahdem mas-sur Noel Castillo fuq dawn l-attivitajiet msemmija imma biex

kollox jkun regolari ghandha tinhareg sejha ghal applikazzjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.13 Ittra minghand Dun Gwann Farrugia ghan-nom tal-kumpanija U Communications Ltd. fejn nfurmaw lil Kunsill dwar il-programm televiziv fuq l-istazzjon UTV, il-programm"Waslet il-festa...mil-Kunsill". Is-Sindku qal li sabiex l-Kunsill jippartecipa f'dan il-programm li jittella fi zmien il-festa tal-lokal u li jkun programmm kollu kemm hu dwar il-Kunsill, l-istess Kunsill irid jaghti donazzjoni ta' LM 25. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippartecipa f'dan il-programm. Il-Kunsilliera Judith Saliba ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.14 Ittra minghand is-sur Anthony Caruana, Segretarju ta' l-Ghaqda Regatta Nazzjonali fejn talab lil Kunsill donazzjoni ta' € 116.50 (Lm 50) ghal xiri ta' trophies ghar-Regatta tal-Under 18 li ser issir il-Hadd 29 ta' Gunju u l-Hadd 6 ta' Lulju, 2008. Is-sur John Boxall, Sindku, ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghti donazzjoni ta' Lm 50 lil Ghaqda regatta Nazzjonali. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.15 Ittra minghand is-Sur Joseph Zammit, Segretarju ta' l-Ghaqda Muzikali San Guzepp, fejn ghan-nom ta' l-imsemmija Socjeta talb l-permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu biex jinharaq nar ta' l-ajru nhar il-Hamis, 10 ta' Lulju, is-Sibt 12 ta' Lulju u l-Hadd 13 ta' Lulju, fl-okkazzjoni tall-festa ta' San Guzepp mil-post maghruf bhala ix-Xewkija, fil-konfini tal-Birgu Is-Sindku ssugerixxa sabiex l-Kunsill japprova din it-talba. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.16 Is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta ittra mibghuta lis-sur Mario Attard, Direttur ghad-direttorat ta' l-Ippjanar u l-Izvillup fi hdan l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, fejn irringrazzjah ghal approvazzjoni ta' € 8000 ghal ghajnuna mil-iskema ta' assistenza finanzjarja lill-Kunsill ghall-progett ta' Gallerija Couvre Porte.

2.17 Is-Sindku pprezenta korrispondenza mibghuta lil Kunsill ta' Evora fil-Portugal dwar il-progett ffinanzjat mil-Unjoni Ewropea, l-progett Oralities. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li dan il-progett kien diga ghada mil-ewwel fazi ta' l-approvazzjoni u issa bdew il-proceduri ghat-tieni fazi. Is-Sindku ghal darba ohra ssugerixxa sabiex jekk il-Kunsill jirbah xi wiehed mil-progetti li applika ghalih, tinhareg sejha ghal applikazzjonijiet sabiex tigi mpjegata persuna fuq bazi kontratwali li tiehu hsieb progetti kollha ffinanzjati mil-Unjoni Ewropea minghajr ma tigi eskluza s-supervizzjoni tas-Segretarja Ezekuttiva.

2.18 Ittra minghand is-sur Steve Borg u s-sur Dominic Galea dwar tnehdija tal-progett "Ommi - progett li jiccelebra l-poezija Romantika Maltija mal-Muzika. Is-Sindku qal li fl-ittra taghhom, talbu sabiex il-Kunsill joffri € 1165 (Lm 500) li jkopru li jinghataw kopji ta' l-album lil Kunsill, fuq l-album jkun hemm il-logo tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, jinghataw inviti ghat-tneddija tal-progett, kif ukoll li l-launch tigi ccelebrata l-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja, l-Kunsill jista' joffri li jintuza l-area ta' Couvre Porte minghajr ebda hlas. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.19 Ittra minghand Dr. Martin R. Zammit fejn nforma lil Kunsill Lokali tal-Birgu dwar ix-xewqa tal-Kunsill Lokali tal-gzira Griega ta' Aegina fil-Grecja, li jaghmlu gemellag ma' Belt

f'Malta partikolarment dik tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa li minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, jkun ahjar jekk, il-Kunsill ma jaccettax din l-istedina. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.20 Is-Sindku pprezenta brochure mil-kumpanija Lidea Events Ltd, fejn ipprezentaw attivita msejha Summer Bash 2008. Is-Sindku qal li membri min din il-kumpanija ghamlu laqgha mieghu fejn pprezentaw din l-attivita u ssugerew li din l-attivita ssir l-Birgu. Din l-attivita ser titella' bhala fund raising ghal Fondazzjoni Puttinu Cares izda l-kumpanija Lidea Events Lts talbet li l-Kunsill joffri l-palk u d-dawl. Is-Sindku qal li huwa ssugerixxa sabiex din il-kumpanija, tkellem lis-Sindki l-ohra, tal-lokalitajiet tal-kottonera, izda sal-llum ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

2.21 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta minghand Fr. John Avellino, Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz, fejn ghan-nom tal-kumitat talab sabiex il-Kunsill jaghmel ghotja finanzjarja biex tghin fl-organizzazzjoni tal-festa ta' San Lawrenz. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga qieghed jghin lil dan il-kumitat indirettament u fakkar lil Kunsilliera dwar il-laqgha li ser issir ma' dan il-kumitat nhar it-Tlieta 10 ta' Gunju, 2008. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill irid joqghod attent minhabba l-qaghda finanzjarja tal-Kunsill, kif ukoll li din is-socjeta mhix wahda klassifikata ma' l-ghaqdiet li l-Kunsill jista' jghin finanzjarjament.

**<u>3. Decizjoni dwar hrug ta' tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' gonna pubblici fil-Birgu.</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal li t-tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' gonna pubblici fil-Birgu kien skada u ghaldaqstant ssugerixxa sabiex il-Kunsill johrog offerta ghal din is-sejha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>4. Decizjoni dwar hrug ta' tender ghas-servizz ta' xoghol ta' hadid.</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li t-tender ghas-servizz ta' xoghol ta' hadid kien ser jiskadi fix-xahar ta' Awissu u ghaldaqstant issugerixxa sabiex il-Kunsill johrog offerta ghal din is-sejha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>5. Prezentazzjoni tar-Rapport Finanzjarju.</u>**

Is-Sindku ssugerixxa sabiex ir-Rapport Finanzjarju jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss peress li tnejn mil-kunsilliera kienu skuzati milli jattendu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>6. Il-Konferenza tal-Progett PRISMA</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-konferenza tal-progett PRISMA ser issir bejn il-Gimgha 13 u s-Sibt 14 ta' Gunju, 2008 f'Couvre Porte. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx talab kumpens ghal l-ispejjez lil ITS - Institute of Tourism Studies ghal uzu ta' Couvre Porte minhabba li l-Kunsill kien indirettament involut f'din il-konferenza. Is-Sindku fakkar lil Kunsilliera li huma mistiedna sabiex jattendu ghal konferenza kif ukoll ghal attivita li ser titella l-Gimgha 13 ta' Gunju, fejn ser titella attivita teatrali taht id-direzzjoni tas-sur Lino Farrugia bit-titlu "Il-

Bakkanti". Barra min hekk is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-ghada s-Sint 14 ta' Gunju, l-istess attivita ser titella' ghal mistednin li jixtieq jistieden il-Kunsill u l-inviti ghal din l-attivita gew maghmulha mil-Istitut ghat-Turizmu.

**7. Kuncert ta' kwintett Amerikan bil-kollaborazzjoni ta' l-Ambaxxata Amerikana.**

Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li l-Kunsill gie avvicinat mil-Ambaxxata Amerikana u gie nfurmat li l-Ambaxxatrici Amerikana xtaqet li flimkien mal-Kunsill taghmel kuncert muzikali mil-U.S. Navy Band Europe, 'Top Brass Band' nhar is-Sibt 5 ta' Lulju, 2008, fil-Birgu. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' din l-istedina u zied jghid li dan il-kuncert ghandu jsir f'Couvre Porte. Is-Sindku kompla u qal li l-Kunsill ser jiehu hsieb d-dawl u l-PA system kif ukoll s-siggijiet ghal okkazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**9. Jum il-Birgu.**

Is-Sindku, s-sur John Boxall, ssugerixxa sabiex din is-sena c-celebrazzjoni ta' Jum il-Birgu tinghata xghira differenti u tigi ccelebrata fuq skala izghar. Is-Sur Boxall ssugerixxa sabiex il-Kunsill jorganizza "son e lumiere" ghal Jum il-Birgu. dwar dan kien hemm qbil unanimu. Wara diskussjoni, s-sur John Boxall, Sindku, talab l-fakulta lil Kunsilliera prezenti sabiex jitkellem mas-sur Noel Castillo dwar l-attivitajiet li jistghu jigu organizzati ghac-celebrazzjoni ta' Jum il-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**10. L-attivita ta' Risottata nkonnessjoni mal-gemellag ma' Casorate Sempione, fl-Italja.**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li wara laqgha li kellhu ma' rapprezentanti tal-kumpanija Future Focus gie ssugerit sabiex issir attivita ta' risottata nkonnessjoni mal-gemmellag ma' Casorate Sempione, fl-Italja, liema attivita tista' ssir nkonnessjoni ma' l-attivitajiet ta' Jum il-Birgu. Is-Sindku zied jghid li l-kumpanija Future Focus kellha tkellem ukoll lil Awtorita Maltija ghat-Turizmu sabiex tiffinanzja din l-attivita.

**11. Affarijiet Ohra**

Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku, ppropona li din il-lista tigi approvata. Is-Sinjura Judith Saliba, Kunsilliera issekondat dan il-proponiment u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il- laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija.

_________________________ _________________________

Christine Bonello — ikkonfermati John Boxall

Segretarja Ezekuttiva — Sindku